## Issa aħdem taħriġ A u B

**A. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kemm qrajt.**



1. **Agħżel it-tajba.**
   Din is-silta titratta dwar:

   a) l-użu tal-ilwien kollha.
   b) id-differenza bejn l-iswed u l-abjad.
   ċ) il-kulur iswed u l-użu tiegħu madwar id-dinja kollha.
   d) il-fatt li f'Malta, il-kulur iswed ftit li xejn huwa mfittex

2. Għaliex l-awtur isostni li donnu ż-żgħażagħ jieħdu pjaċir ikunu kollha l-istess?

3. Liema huma dawk l-okkażjonijiet li fihom l-irġiel jilbsu l-kulur iswed?

4. Liema kuluri jintużaw fl-Amerka u fiċ-Ċina, f'okkażjoni ta' funeral?

5. Għaliex kultant il-kulur iswed ibeżża' lill-bniedem?

6. Skont dak li qrajt fis-silta, l-awtur kuntent jew irrabbjat li hemm min ma jqisx li l-iswed hu kulur bħall-oħrajn? Ikkwota dik il-frażi **mill-aħħar paragrafu** li tikkonferma t-tweġiba tiegħek.

(2 marki kull waħda = 12-il marka)

**B. Għarfien il-lingwa**

1. Fisser dawn il-frażijiet (**b'linja taħthom fis-silta**) skont il-kuntest.

   a) "...jitħajru jbillu subgħajhom (jew aħjar ilbieshom) fil-paletta ta' lwien il-qawsalla."

   b) "L-irġiel, biex ikunu solenni, dejjem bl-iswed."

(2 marki kull waħda = 4 marki)

2. Mis-silta sib u ikteb <u>**il-kelma**</u> li tfisser:

   a) vistu **(mir-raba' paragrafu)**

   b) jaħsad **(mill-ħames paragrafu)** (2 marki kull waħda = 4 marki)

3. Liema frażi idjomatika fis-**sitt paragrafu** tfisser "tistrieħ"?

(2 marki)